**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH LL.D.**

**Seduta Kolliżjonijiet**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Sonia Sammut**

**Illum, 26 ta' Frar, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Sonia Sammut, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 372987M, talli permezz tagħhom ġiet akkużata li:

*""... fil-11 ta' Dicembru 2016 ghall-habta ta' bejn il-00:00hrs u 01:30hrs fi Triq Mikiel Anton Vassalli, San Giljan, soqt il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AMG153;*

*1. B'manjiera traskura,*

*2. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluż*

*3. Soqt l-istess vettura minghajr ma kont (persuna)/kienet (vehicle) kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni,*

*4. Minghajr ma kellek liċenzja tas-sewqan mill-Awtorita' Dwar ir-Trasport ta' Malta jew minghajr liċenzja tas-sewqan speċifikata ghal dik il-vettura;*

*5. Soqt jew ippruvajt issuq jew kellek kontroll tal-vettura nru AMG153 fi triq jew f'post pubbliku meta ma' kontx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi,*
*6. U aktar talli irrifjutajt jew inqas milli taghti skond il-ligi kampjun tan-nifs jew kampjun ta' l-urina,*

*7. U b'nuqqas ta hsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta hila fl-art jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, hbatt ma' vettura nru. IBQ563 w involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta' Ian Darmanin.*

*Il-Prosekuzzjoni titlob li tiġi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan."*

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda mismugħa quddiem din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta;

Rat id-dokumenti eżebiti;

Rat id-dokumenti ppreżentati;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet trattazzjoni finali;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet, din il-Qorti se tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Ludwig Micallef** (Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-17 ta' Awwissu, 2010):

> *"Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih miet Clifford Micallef sehh unikament jew almenu in parti, tort ta' negligenza, traskuragni w nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li tajjarha.*
>
> *Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi iuxta allegata et probate. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.*
>
> *Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.*
>
> *Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.*
>
> *L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli.*
>
> *In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu.*
>
> *L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid Manzini:-*

*"L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto".*

*Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku –Kap 65, il-High Way Code – Motor Vegicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi."*

Irid jiġi determinat allura, jekk l-imputat kienx ħati ta' xi nuqqas ta' ħsieb jew traskuraġni jew ta' nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar s-sitta ta' Mejju, 1997, fil-kawża fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**, spjegat it-tifsiriet li għandhom jingħataw lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

*Sewqan bla kont (reckless driving) hu deskritt fis- Subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din t-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu, minhabba l-probabilita ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

*Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari, s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghal proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista jaqa' that tnejn jew aktar minn dawn t-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi w id-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai*

*finijiet ta' piena, l-legislatur pogga s-sewqan bla kont w is-sewqan perikoluz fl-istess keffa.*

*Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz w involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (vide Il-Pulizija v Charlotte Chamberlain, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Mejju, 1950). "*

*Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali il-provi indizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjah "esprit de voiture". U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat."*

*Ghaldaqstant, din il-Qorti tqies li din l-imputazzjoni giet ukoll ippruvata."*

Il-Qorti qieset id-dinamika ta' dan l-inċident u x-xhieda mogħtija mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni. Tqis li mid-dinamika ta' dan l-inċident, li l-imputata għandha tiġi misjuba ħatja biss tal-ewwel imputazzjoni, u ċioè li saqet il-vettura b'manjiera traskurata stante li meta kienet qed issuq, ma ħaditx il-prekawzjonijiet neċessarji, kif ukoll ma żammitx kontroll tal-vettura misjuqa minnha, u lanqas ma żammet *a proper look out,* bil-konsegwenza li baqgħet dieħla ġol-vettura misjuqa minn Ian Darmanin.

Fir-rigward tat-**tielet imputazzjoni,** l-imputata qed tiġi akkużata li saqet il-vettura mingħajr polza ta' assigurazzjoni.

Illi dwar it-tieni imputazzjoni, il-Qorti rat l-Artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta, li jaqra:

*(1)Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ,*

*ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.*

*(1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).*

*(1B) Tista' tingħata eċċezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta' reat taħt is-subartikolu (1), mill-akkużat jekk iġib prova li r-reat ikun sar mingħajr ma huwa kien jaf bih u li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir.*

*(2) Kull min jikser id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jeħel, meta jinsab ħati –*

*(a) fil-każ tal-ewwel reat, multa ta' mhux anqas elfejn,tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda ta' mhux iżjed minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien;*

*(b) fil-każ tat-tieni reat, multa ta' mhux anqas minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa usebgħin ċenteżmu (€4, 658.75) iżda ta' mhux iżjed minn ħamest elef, tmien mija u tlieta u għoxrin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€5,823.43) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien;*

*(ċ) fil-każ tat-tielet reat jew iktar, multa ta' mhux anqasminn ħamest elef, tmien mija u tlieta u għoxrin euro utlieta u erbgħin ċenteżmu (€5,823.43) iżda ta' mhux iżjed minn sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin eurou tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sena, jew il-multa u l-priġunerija flimkien, u –*

*(i) meta r-reat ikun jikkonsisti fl-użu ta' vettura bil-mutur fi triq minn min ikun sid il-vettura bil-mutur jew minn impjegat ta', jew minn membrutal-familja ta' u li jkun jgħix ma', sid il-vettura bil-mutur, u ma jkunx hemm fis-seħħ polza tal-assigurazzjoni dwar din il-vettura skont magħandha tkun taqbel mal-ħtiġijiet ta' din l-Ordinanza, il-qorti għandha, b'żieda mal-pieni indikati f'dan is-sub-paragrafu, tordna l-konfiska tal-vettura bil-mutur;*

*(ii) meta r-reat, kif imsemmi, jitwettaq minn xi ħaddieħor, il-qorti għandha, b'żieda mal-pieni indikati f'dan is-sub-paragrafu, twaħħal multaoħra li tkun daqs il-valur tal-vettura bil-mutur.*

*(2A) Kull min jinstab ħati ta' reat taħt dan l-artikolu għandu (ħlief jekk il-qorti għal raġunijiet speċjali tikkunsidra li tordna mod ieħor u mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-qorti li tordna żmien itwal ta' skwalifika) jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar mid-data li jkun ġie misjub ħati:*

*Iżda jekk l-esekuzzjoni tas-sentenza li biha wieħed jinstab ħati titwaqqaf wara li min ikun instab ħati jiddikjara li bi ħsiebu jappella minn dik is-sentenza, iż-żmien ta' skwalifika jibda għaddej -*

*(a) jekk din tiġi konfermata jew imnaqqsa b'deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, mid-data ta' din id-deċiżjoni;*

*(b) jekk ma jiġix preżentat rikors ta' appell fiż-żmien li trid il-liġi, mill-ewwel jum wara l-ġurnata li fiha jkun skada t-terminu;*

*(ċ) jekk l-appell jiġi ċedut permezz ta' nota, mill-jum meta tiġi preżentata din in-nota fil-qorti jew, jekk l-appell jiġi mod ieħor deżert wara l-preżentata tar-rikors tal-appell, minn dak il-jum minn meta l-Qorti tal-Appell Kriminali tiddeċiedi wara li jsir rikors mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta.*

*(2B) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali u tal-Att dwar il-Probation, ma japplikawx fil-każ ta' xi reat kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu.*

*(3) Għad illi f'liġijiet oħra jista' jkun hemm żmien stabbilit li fih għandhom isiru proċeduri quddiem qorti, il-proċediment għal reat taħt dan l-artikolu jista' jsir –*

*(a) fi żmien sitt xhur mid-data li fiha jkun sar ir-reat allegat; jew*

*(b) fi żmien li ma jiskorrix la tliet xhur mid-data li fiha l-prosekuzzjoni tkun ġiet taf li sar ir-reat u lanqas sena mid-data li fiha jkun sar ir-reat, skont liema żmien minnhom ikun l-itwal.*

*(4) Dan l-artikolu ma jgħoddx –*

*(a) għal vetturi bil-mutur ta' proprjetà tal-Gvern ta' Malta meta dawn il-vetturi jiġu biss użati u impjegati fis-servizz tal-Gvern ta' Malta;*

*(b) għal xi klassi determinata ta' vetturi bil-mutur li għaliha, jew għal xi persuni naturali jew legali, sewpubbliċi jew privati, li lilhom il-Ministru responsabbli għat-trasport jordna b'regolament li dan l-artikolum'għandux igħodd:Iżda kull telf jew feriment kaġunat f'Malta jew fit-territorjuta' Stat imsemmi minn vettura bil-mutur li tkun tappartjeni lilpersuna naturali jew legali, sew pubblika sew privata, li dwarhomtkun provduta deroga taħt din l-Ordinanza mill-applikazzjoni tas-subartikolu (1), għandu jiġi kkumpensat skont kriterji u proċeduri li jiġu stabbiliti b'regolamenti mill-Ministru responsabbli għat-trasport maħruġin taħt dan l-artikolu.*

Dwar il-prova rikjesta in relazzjoni ma' din l-imputazzjoni, referenza għandha ssir għal dak li ntqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Ottubru, 2008, fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Conrad Galea**, fejn intqal:

*"Illi mbaghad l-artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li :-*
*"Hadd ma jista' juza ...... vettura tal-mutur fit-toroq kemm il-darba ghall-uzu tal-vettura minnu ...... ma tkunx tezisti polza ta' sikurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni...."*

*Illi t-test tal-ligi Ingliza li tkopri dil-materja w cioe' Sec. 143 (1) (a) tar-Road Traffic Act huwa kwazi identiku ghall-dan l-artikolu w jghid testwalment :-*

*"a person must not use a motor vehicle on the road unless there is in force in relation to the use of the vehicle by that person such a policy of insurance or such a security in respect of third party risks as complies with the requirements of this Part of this Act..."*

*"Illi l-pozizzjoni fil-ligi w l-Qrati Inglizi hi hekk ukoll. Di fatti kif jghid l-ARCHBOLD [Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1998, London, Sweet & Maxwell, p.2417] flosservazzjonijiet tieghu fuq dar-reat analogu tal-ligi Ingliza:-*

*"The Prosecution has to prove that the defendant used a vehicle on the road. Once that is established, it is for defendant to prove that there was a valid policy of insurance in force at the time: Philcox vs. Carberry {1960} Crim. L.R. 563 , D.C."*

*"Illi saret f' dik is-sentenza riferenza ukoll ghall Criminal Law Review , 1960 li b' riferenza ghal din is-sentenza fuq citata , kkumenta hekk :-*

*"It is an established rule of evidence that where the truth of the party's allegation lies peculiarly within the knowledge of his opponent, the burden of disproving it lies upon the latter." {Halsbury's Laws of England , 3rd. ed. Vol.15 ,270} In the Criminal Law, it is submitted that the rule should be confined to cases where it is an offence to do some act in the absence of a licence or permission and similar cases . It was stated by Talbot J.,obiter , in "Williams v. Russell" (1933) 149 L.T. 190, that on a charge of using a motor vehicle without there being in force a policy of insurance, the onus was on the accused to prove he had a policy. This would seem, with respect, a proper application of the principle and is confirmed by the present case ."*

*"Umbaghad BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1992) [Blackstone Press Limited , p.1788] jghid:-*

*"In the case of driving without a licence, it is for the accused driver to prove that he is insured .*
*(Williams v. Russell [1933] 149 LT 190 ; Philcox v. Carberry [1960] Crim. L.R. 563)."*

*Illi umbaghad jekk qatt seta' jkun hemm xi dubju dwar dan il-principju, dan gie eliminat fil-ligi taghna bl-emenda recenti introdotta bl-artikolu gdid 3 (1A) tal-Kap. 104 li jghid testwalment li :-*

*"jkun prezunt li ma kienx hemm polza ta' l-assigurazzjoni fis-sehh skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu , kemm il-darba min jigi akkuzat b' reat taht is-subartikolu (1) ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' l-assigurazzjoni mahrug taht is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 4 ta' din l-Ordinanza."*

Għaldaqstant, skont l-Art. 3(1A) tal-Kap.104, hi l-istess imputata li trid tagħmel il-prova li hija effettivament kienet koperta b'tali polza, u ma jispettax lill-Prosekuzzjoni li ġġib ix-xhieda dwar dan.

Id-difiża ma ressqitx provi dwar din l-imputazzjoni, iżda straħet fuq il-fatt li mix-xhieda rriżulta, li s-soċjetà ta' assigurazzjoni tal-imputata, kienet ħallset għad-danni sofferti mill-vettura bin-numru IBQ563, kaġun ta' dan l-inċident. Madanakollu, id-difiża naqset li tressaq l-aħjar prova dwar dan, u in fatti ma tressaq l-ebda rappreżentant tas-soċjetà ta' assigurazzjoni, biex jixhed dwar jekk l-imputata kellhiex polza jew le, li tkopriha fiż-żmien u ħin tal-inċident.

Per konsegwenza, din il-Qorti qed issib lill-imputata ħatja tat-tielet imputazzjoni.

Dwar ir-raba' imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni ppreżentat affidavit ta' Stephen Cachia bħala rappreżentant ta' Transport Malta, li kkonferma bil-ġurament li l-imputata ma għandha l-ebda kategorija ta' liċenzja tas-sewqan. Għaldaqstant, din l-imputazzjoni ġiet ukoll ippruvata.

Dwar il-ħames imputazzjoni, l-Artikolu 15A tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta'Malta jaqra:

> (1) *Ebda persuna ma ghandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku iehor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi.*
>
> (2) *Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapacita taghha li ssuq sew tkun ghal xi hin imnaqqsa.*

Illi allura jeħtieġ li l-Prosekuzzjoni, sabiex tinstab ħtija skont dan l-Artikolu, tipprova illi l-kapaċità tas-sewwieq kienet effettivament imnaqqsa, u li s-sewwieq ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi.

Mill-*Current Incident Report* jirriżulta, li Ian Darmanin kien informa lill-Uffiċjal tal-Pulizija li Sonia Sammut kienet fis-sakra. Madanakollu, waqt ix-xhieda ġuramentata quddiem din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, huwa ma semma xejn dwar din l-allegazzjoni. Sonia Sammut, fil-*Current Incident Report*, ġiet imniżżla li qalet li kienet xorbot, iżda din il-verżjoni ma kinitx waħda ġuramentata u lanqas ġie ndikat fil-*Current*

*Incident Report*, jekk l-istess imputata ngħatatx id-drittijiet tagħha qabel ma rrillaxxat tali verżjoni. Lanqas ma ġie rrapportat li nxtammet riħa ta' xorb minn xi Uffiċjal tal-Pulizija li kien qed jinvestiga dan il-każ.

In oltre, kif intqal diversi drabi mill-Qrati nostrana, riħa ta' xorb mhijiex prova li l-imputat ma kienx f'kondizzjoni li jsuq. Il-Qorti tal-Appell Kriminali tat-30 ta' Novembru, 2009, f'sentenza fl-ismijiet , '**Il-Pulizija vs Keith Aquilina'** tgħid hekk:

> *Biex din l-akkuza tissustissi, li jrid jigi ppruvat illi l-imputat Keith Aquilina ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi meta gie mwaqqaf minn PC 1391 Ian Grech fid-19 ta' Marzu 2009, ghall-habta ta' 6.25 p.m., l-imputat kien xurban, izda jekk minhabba f'hekk ma kienx f'kondizzjoni li jsuq hija xi haga ohra illi kellha tigi ppruvata.*
>
> *Bir-rispett din il-Qorti ma tahsibx illi din il-grad ta' prova gie milqugh minkejja l-komportament tal-imputat fil-konfront tal-Pulizija illi beda jiehu l-"particulars" u anki meta kien id-Depot b'daqshekk ma fissirx illi ma kienx f'kondizzjoni li jsuq. Naturalment kulhadd huwa responsabbli ta' ghemilu w jekk l-imputat ma gabx ruhu sew fil-konfront tal-Pulizija w kiser xi kontravenzjoni f'dan is-sens allura jrid iwiegeb ghal dan kif fil-fatt gara. Pero' ma jistax iwiegeb ghallakkuza illi ma tirrizultax sodisfacentement ippruvat fi grad li trid il-Ligi. Ir-"reading" tar-"road side test" wahdu mhuwiex bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni dwar il-htija dwar ir-raba' akkuza, w dan l-ahhar din il-Qorti kellha okkazzjoni biex tippronuncja ruhha f'dan ir-rigward f'kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Jan Spiteri deciza fit-22 t'Ottubru, 2009 u wasslet ghall-konkluzzjoni illi l-fatt li l-appellant kellu riha qawwija ta' xorb mhiex prova illi hu ma kienx f'kondizzjoni li jsuq. Din id-decizzjoni ghal min mhuwiex intiz fil-Ligi tista' tidher stramba peress illi bniedem xurban ma jistax ikollu l-kontroll shih tal-vettura. Pero' dina hija assunzjoni illi ma tistax treggi fil-kamp kriminali fejn il-provi huma kollox u jridu jwasslu sal-grad ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni w sakemm il-Ligi tibqa' kif inhi, din il Qorti thoss illi ghandha jsegwi l-insenjament ta' decizjonijiet precedenti in materia."*

Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni ma ġietx ippruvata lil hinn minn kull dubju raġjonevoli.

Rigward is-sitt imputazzjoni, l-imputata ġiet akkuzata li rrifjutat jew naqset milli taghti skont il-liġi, kampjun tan-nifs jew kampjun tal-urina. L-Artikolu 15E (4) tal-Kap 65 jistipola li:

*Persuna li tirrifjuta jew tonqos milli tagħti kampjun meħtieġ hekk kif stabbilit taħt dan l-artikolu jew ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza tkun ħatja ta' reat u sakemm majiġix ppruvat il-kuntrarju, titqies li l-proporzjon ta' alkoħol fid-demm ta' dik il-persuna ikun iżjed mil-limitu preskritt:*

*Iżda tkun difiża għal dik il-persuna jekk tipprova li n-nuqqas tagħha li tagħti kampjun kien minħabba l-inkapaċità fiżika jew mentali li tagħtih jew għaliex l-għoti tiegħu kien jagħti lok għal riskju sostanzjali għal saħħitha .*

Dwar din l-imputazzjoni, din il-Qorti tqis li fil-mument li fih l-imputata rrifjutat li tissottoponi ruħha għal *breathalyzer,* kien hemm l-obbligu li tingħata l-*caution* rekwiżita, kif ukoll jiġi spjegat lilha x'konsegwenza ġġib miegħu tali rifjut.

Il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ntqal fil-kawza deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-9 ta' Frar, 2001, fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Marlon Montebello**, fejn ingħad:

*"Kwantu ghall-hekk imsejjha "caution", din it-twissija (cioe` t-twissija li n-nuqqas jew rifjut li wiehed jaghti kampjun tan-nifs hu reat) hi mehtiega biss sabiex il-pulizija tkun tista' tarresta lil minn hekk jonqos milli jaghti il-kampjun ghat-test tan-nifs (mhux ghall-analizi), u dan skond l-Artikolu 15D(b); ghall-finijiet tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15E(4) ebda twissija ma hi mehtiega (ara Il-Pulizija v. Emanuel Camilleri, App. Krim., 30 ta' April, 1999, u Il-Pulizija v. Anthony Cutajar, App. Krim., 2 ta' Settembru, 1999)."*

Fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fit-23 ta' Jannar, 2014, fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spt. Tony Cachia) vs Mark Scicluna, intqal :

*"L-appellant argument illi l-Pulizija ma tawhx it-twissija qabel ma ttiehed il-breathalyzer test. L-appellant huwa akkuzat b'delitt u mhux kontravenzzjoni u dan 'l ghaliex ilhsarat, minkejja li kien involontarji, kienu jaccedu l-€50 allura dejjem kien imissu nghata t-twissija u gie mgharraf bid-drittijiet tieghu. Quindi, dak kollu li sar minghajr it-twissija huwa kollu null inkluz it-test tal-breathalyzer…..*

*Ikkunsidrat.*

*Ghal dak li jirrigwarda t-twissija, din il-Qorti ma taqbel xejn ma' l-appellant. Jibda biex jinghad illi t-twissija formali ghandha tinghata biss meta l-persuna tkun taht arrest. Ghal dak li jirrigwarda "roadside interviews", il-persuna ma tkunx taht arrest u l-Pulizija tkun qeghdha prezenti biss biex tistabbilixxi l-fatti u tiehu l-verzjoni tal-partijiet involuti fl-incident. Fl-ebda hin dawn il-partijiet ma jkunu that arrest, ghad illi ovvjament jekk ma jikkooperawx malPulizija jistghu jinstabu hatja ta' affarijiet ohra, bhal li naqsu illi jaghu l-particulars lil Pulizija, izda mhux ta' harba minn arrest. Madankollu, minkejja illi d-dikjarazzjonijiet maghmulha minn persuna waqt "roadside interview" m'ghandiex ghalfejn tkun soggetta ghal twissija minn naha tal-Pulizija li jkun qed jinvestiga l-incident, dikjarazzjoni tali jridu jittiehdu b'certu kawtela u jrid isir ezercizzju biex jigi determinat kemm hija soda l-prova migjuba mill-Pulizija f'dawk ic-cirkostanzi.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal kawza deciza mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet Umani fil-kawza, flismijiet Aleksander Zaichenko vs Russia deciza fit-18 ta' Frar ta' l-2010 (Case number 39660/02) fejn fost affarijiet ohra l-Qorti qalet "In some, the evidence available to the Court supports the claim that the applicants pre trial admission, whether directly self incriminating or not, was used in the proceedings in a manner which sought to incriminate him. In the Court's view, statements obtained in the absence of procedural guarantees, should be treated with caution (Lutsenko vs Ukraine, number 30663/04 18th December 2008). Hence, what remains to be determined is whether the criminal proceedings against the applicant, can be considered fair on account of the use made of the applicants' pre trial admission. Regard must be had to whether the rights of the defence had been respected and whether the applicant was given the opportunity of challenging the authenticity of the evidence and of opposing its use. In addition, the quality of the evidence must be taken into consideration, including whether the circumstances in which it was obtained casted out on a its liability or accuracy."*

*Dan huwa l-kriterju li l-Qorti ghandha tuza' f'dan il-kaz u jkun assurd li kull darba li l-Pulizija tikkonduci "road side interview" toqghod tesigi lil dak li jkun icempel lil avukat sabiex jigi fuq il-post sakemm isir dan l-interview. Kif ga inghad, la l-persuna ma tkunx taht arrest, quindi ma ghandux id-dritt li jkollu mieghu avukat dak il-hin, pero d-dikjarazzjonijiet moghtija minn dik il-persuna, ghandhom jittiehdu b'certa kawtela mehud in konsiderazzjoni dak li ghadu kif inghad fil-kawza "Aleksander Zaichenko vs Russia". F'dan il-kaz ma hemmx dubju li x-xhieda tal-Pulizja hija wara veritjera u soda u l-Qorti tista' toqghod fuqha. Barra minnhekk, id-drittijiet tad-difiza gew irrispettati u l-appellant nghata l-opportunita' sabiex jikkuntesta l-awtenticita*

*tal-provi migjuba u sabiex jopponija. Il-Qorti ghandha tieghu ukoll in konsiderazzjoni l-kwalita' tal-prova, inkluz ic-cirkostanzi li nghatat setghatx titfa' xi dubju fuq l-ezattezza taghha.*

*Ghalhekk din il-Qorti jidrilha li l-argument ta' l-ewwel Qorti, fejn qalet li kieku nghata dan id-dritt u jekk l-imputat cempel lil avukat, dan l-avukat kien jghidlu l-istess haga kif fil-fatt qallu s-Surgent, ma jaghmilx sens legali. Dan huwa argument ipotetiku illi fil-kamp kriminali ma jistax jintuza' pero irrizulta li qabel ma' l-appellant gie mgieghel jiehu l-breathalyzer test, gie moghti t-twissija necessarja billi gie mgharraf bid-drittijiet tieghu kollha inkluz il-konsegwenzi jekk huwa jirrifjuta illi jaghmel dan it-test.*

*Ghalhekk din il-Qorti jidrilha li f'dan il-kaz il-Pulizija mxiet skond il-Ligi, t-test ittiehed b'mod regolari u r-rizultat tieghu jista' jittiehed bhala prova fil-konfront ta' l-appellant."*

Kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni, li tressaq prova lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li l-imputata ġiet infurmata bid-drittijiet tagħha, inkluż tiġi mwissija u spjegat lilha l-konsegwenzi, jekk hija tirrifjuta li tagħmel dan it-test.

Fl-affidaivt ta' WPC 353 Gerline Urry Sant, kulma ntqal kien li Sonia Sammut ġiet infurmata li kien ħa jsirilha *Breathalyzer Test,* però din irrifjutat. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra wkoll tillibera lill-imputata minn din l-akkuża.

Dwar is-seba' imputazzjoni, din il-Qorti tqis li din ukoll ġiet ippruvata. In fatti, kemm mir-rapport tal-Pulizija eżebit, kif ukoll mix-xhieda mogħtija minn Ian Darmanin u Mandy Galea, irriżulta li l-vettura numru IBQ563 ġarbet varji ħsarat, per konsegwenza ta' dan l-inċident stradali.

**Decide**

**Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda tillibera lill-imputata mit-tieni, mill-ħames u mis-sitt imputazzjonijiet, filwaqt li wara li rat l-Artikoli 3(1), 3(1A), 3(2) (a) u 3 (2A) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1) (a), 15(2) u 15(3) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 328(d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil Sonia Sammut ħatja tal-ewwel, it-tielet, ir-raba' u s-seba' imputazzjoni u tikkundannha għal ħlas ta' multa**

**komplessiva ta' elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) u għal sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan tagħha għal zmien sena, liema perjodu jibda jiddekorri min-nofs il-lejl tal-lum.**

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**